


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Flus/Talbiet Monetarji](#) > [Insolvenza/falliment](#) > [Portugal](#)

# Insolvenza/falliment

 Portugall

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

## Kumment preliminari:

*Il-bażi legali tal-informazzjoni pprovduta f'dan il-fajl hija stabbilita fil-Código da Insolvência e da Recuperação de Empresas (il-Kodiċi tal-Insolvenza u l-Irkupru tan-Negozju) [minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bit-taqsira Portugiża tiegħu, CIRE], approvat bid-Digriet Amministrattiv Nru 53/2004 tat-18 ta' Marzu 2004 u emendat l-aktar reċentement bid-Digriet Amministrattiv Nru 57/2022 tal-25 ta' Awwissu 2022.*

## 1 Kontra min jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza?

Il-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jinfetħu kontra kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, u kontra l-patrimonju sospiż; l-assoċjazzjonijiet li m'għandhomx personalità ġuridika u l-kummissjonijiet speċjali; il-kumpaniji tal-liġi ċivili; il-kumpaniji kummerċjali jew il-kumpaniji tal-liġi ċivili li jkollhom forma kummerċjali sad-data tar-reġistrazzjoni finali tal-kuntratt li jkunu inkorporati bih; il-kooperattivi, qabel ir-reġistrazzjoni tal-inkorporazzjoni tagħhom; l-entitajiet individwali b'responsabbiltà limitata; u kwalunkwe assi awtonomi oħrajn (l-Artikolu 2(1)(a) sa (h) tas-CIRE).

Il-persuni ġuridiċi pubbliċi u l-entitajiet pubbliċi korporattivi; l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-korporazzjonijiet finanzjarji, id-ditti tal-investment li jipprovdu servizzi li jinvolvu fondi ta' parteċipazzjoni jew titoli ta' partijiet terzi u l-impriżi ta' investment kollettiv ma jistgħux ikunu suġġetti għal proċedimenti ta' insolvenza peress li mhumiex kompatibbli mal-arranġamenti speċjali li jirregolaw tali entitajiet (l-Artikolu 2(2) tas-CIRE).

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Meta d-debituri ma jkunux jistgħu jonoraw l-obbligi pendenti kollha tagħhom (l-Artikolu 3 tas-CIRE).

L-għan tal-proċedimenti ta' insolvenza huwa li jissodisfaw lill-kredituri bil-proċedura prevista fi pjan ta' insolvenza (u fin-nuqqas tiegħu, il-likwidazzjoni tal-assi tad-debitur insolventi) u li jiddistribwixxu r-rikavat akkumulat mill-kredituri (l-Artikolu 1(1) tas-CIRE).

Meta impriża debitorika tkun qed tesperjenza diffikultajiet ekonomiċi jew tkun f'riskju ta' insolvenza imminente, hija tista' titlob lill-qorti tniedi proċedura speċjali ta' rivitalizzazzjoni (l-Artikoli 17-A sa 17-I tas-CIRE).

Meta kwalunkwe tip ieħor ta' debitor ikun qed jesperjenza diffikultajiet ekonomiċi jew ikun f'riskju ta' insolvenza imminente, huwa jista' jitlob lill-qorti tniedi proċedura ta' ftehim ta' pagament speċjali (l-Artikoli 222-A sa 222-J).

## 3 Liema huma l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza? Kif jiġu ttrattati l-assi li huma miksuba minn, jew li jiddevolvu lid-debitur wara

## I-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-patrimonju tal-insolvenza huwa magħmul mill-assi kollha tad-debitur fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza.

Kwalunkwe assi relatat ma' proprjetà u drittijiet akkwistati matul il-proċedimenti tal-insolvenza — pereżempju, id-drittijiet tal-proprjetà, id-drittijiet tal-użu, iż-żamma tat-titolu, eċċ. (l-Artikolu 46(1) tas-CIRE) — li jistgħu jiġu kkonvertiti fi flus ukoll jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza.

F'każijiet fejn il-parti insolventi tkun miżżewġa u jkollha sjieda konġunta tal-assi, il-patrimonju tal-insolvenza jinkludi wkoll il-porzjon matrimonjali tal-assi tal-koppja.

## 4 X'setgħat għandhom id-debitur u l-prattikant tal-insolvenza, rispettivament?

Skont is-sentenza tal-insolvenza, f'każijiet fejn impriża tkun inkluża fl-insolvenza, id-debitur innifsu jista' jkun responsabbli għall-ġestjoni tal-patrimonju tal-insolvenza (l-Artikolu 223 tas-CIRE) dment li jkun għew issodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 224 tas-CIRE.

L-amministratur tal-insolvenza, maħtur mill-imħallef (l-Artikolu 52(1) tas-CIRE), jiġġestixxi l-proċedimenti ta' insolvenza u jaqdi rwol ċentrali fihom.

L-amministratur tal-insolvenza huwa responsabbli, fost l-oħrajn:

- biex iħejji għall-ħlas tad-djun tal-parti insolventi lill-patrimonju tal-insolvenza; u
- biex jissorvelja l-bejgħ tal-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza sabiex iqassam ir-rikavat lill-kredituri u jiżgura li l-parti insolventi żżomm u tibbenefika mid-drittijiet tagħha, u li l-impriża ma tiqafx topera; u fejn possibbli biex jevita li s-sitwazzjoni ekonomika tmur għall-agħar (l-Artikolu 55(1) tas-CIRE).

## 5 Taħt liema kundizzjonijiet tiġi invokata t-tpaċija?

Il-pretensjonijiet kontra l-patrimonju insolventi jistgħu jiġu paċuti bid-djun mal-imsemmi patrimonju insolventi, jekk jintlaħqu r-rekwiżiti tal-Artikolu 99 tas-CIRE.

Dan l-arranġament jippermetti lill-kredituri tal-insolvenza jpaċu l-pretensjoni bid-djun dovuti lill-patrimonju tal-insolvenza, sabiex il-pretensjonijiet reċiproċi jkun jistgħu jiġu eliminati. B'hekk, il-kreditur jirkupra l-pretensjoni tiegħu mingħajr ma jkollu jħallas id-dejn tiegħu lill-patrimonju, u b'hekk tiġi evitata l-aggregazzjoni ta' kredituri paralleli.

Dan huwa mezz biex jiġi ffaċilitat il-ħlas u jiġi evitat il-ħlas inkroċjat.

Minbarra r-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 99 tas-CIRE, jeżistu dispożizzjonijiet legali oħrajn li jipprevedu l-possibbiltà ta' tpaċijiet, jiġifieri l-Artikoli 102(3)(e), 154(1), 242(3) u 286 tas-CIRE.

## 6 X'effett għandhom il-proċedimenti ta' falliment fuq kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti tagħhom?

L-effetti tal-insolvenza fuq il-kuntratti kurrenti li d-debitur huwa parti fihom jiddependu fuq in-natura tal-kuntratt. Dawn huma stabbiliti fl-Artikoli 102 sa 119 tas-CIRE.

Bħala regola, il-kuntratti bilaterali (li joħolqu obbligi bejn iż-żewġ partijiet) jitwettqu bl-istess mod, u jinżammu t-termini miftiehma bejn il-partijiet.

Madankollu, jekk, fid-data tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza, ma jkunx hemm konformità sħiħa mal-kuntratt, l-implimentazzjoni tiegħu tiġi sospiża sakemm l-amministratur tal-insolvenza jkun ħareġ dikjarazzjoni dwar l-implimentazzjoni jew in-nuqqas ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 102(2) tas-CIRE). Meta l-amministratur tal-insolvenza jirrifjuta li jimplementa l-kuntratt, l-ebda parti ma tkun intitolata għar-restituzzjoni ta' dak li tkun diġà

kkontribwiet (l-Artikolu 102(3) tas-CIRE).

Pereżempju:

- Ftehim ta' bejgħ u xiri, biż-żamma tat-titolu (fejn il-bejjiegħ ikun il-parti insolventi): il-parti l-oħra tista' tirrikjedi lill-bejjiegħ jeżegwixxi l-kuntratt jekk l-oġġett ikun diġà ġie kkonsenjat lilu fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza (l-Artikolu 104(1) tas-CIRE);
- Kuntratt promissorju (fejn il-parti insolventi tkun il-bejjiegħ promissorju): l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ma tistax tiġi rrifjutata b'mod effettiv jekk l-oġġett ikollu storja favur ix-xerrej promissorju (jiġifieri meta l-bejjiegħ promissorju jkun ikkonsenja ċ-ċwieviet ta' proprjetà partikolari lix-xerrej promissorju) — l-Artikolu 106(1) CIRE.

Jekk id-debitur ikun wettaq atti detrimental għall-patrimonju tal-insolvenza (jiġifieri atti li jnaqqsu, ifixklu, jimpedixxu jew ipoġġu f'riskju s-sodisfazzjon tal-kredituri) fis-sentejn ta' qabel id-data tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza, dawn jistgħu jiġu saldati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 120 *et seq.* tas-CIRE.

## 7 X'effetti għandhom il-proċedimenti ta' insolvenza fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali (bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti)?

Id-dikjarazzjoni ta' insolvenza twassal, fost l-oħrajn, għas-sospensjoni ta' kwalunkwe proċediment ta' eżekuzzjoni jew miżura mressqa mill-kredituri tal-insolvenza li tista' taffettwa l-assi tal-patrimonju tal-insolvenza u tipprevjeni l-instigazzjoni jew it-tkomplija ta' kwalunkwe proċediment ta' eżekuzzjoni mressaq mill-kredituri tal-insolvenza (l-Artikolu 88(1) tas-CIRE): pereżempju, jekk il-parti insolventi jkollha sekwestru fuq il-qliġ tagħha, dan jiġi sospiż fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza.

Min-naħa l-oħra, l-azzjonijiet sospiżi jitneħħew għad-debitur insolventi, meta jkun ġie ddikjarat insolventi u ladarba l-proċedimenti ta' insolvenza jingħalqu, permezz tat-tqassim finali jew minħabba assi insuffiċjenti (l-Artikolu 88(3) tas-CIRE).

Id-dikjarazzjoni tal-insolvenza tirriżulta fl-obbligi kollha tal-parti insolventi li ma jkunux suġġetti għal kundizzjoni sospensiva li jsiru pagabbli immedjatament (l-Artikolu 91(1) tas-CIRE).

Is-sentenza tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza twassal għas-sospensjoni tal-perjodi ta' limitazzjoni u ta' preskrizzjoni kollha li jistgħu jiġu kkontestati mid-debitur, matul il-proċedimenti (l-Artikolu 100(1) tas-CIRE).

## 8 X'inhu l-effett ta' proċediment ta' insolvenza fuq il-kontinwazzjoni ta' kawżi pendenti fil-mument tal-ftuħ ta' proċediment ta' insolvenza?

Ladarba tkun ġiet iddikjarata l-insolvenza, il-proċedimenti kollha miġjuba kontra d-debitur u relatati mal-assi inklużi fil-patrimonju tal-insolvenza jistgħu jiġu annessi mal-proċedimenti tal-insolvenza, kif mitlub mill-amministratur tal-insolvenza, filwaqt li jinvolkaw l-espedjenza proċedurali (l-Artikolu 85(1) tas-CIRE). Għalhekk, l-amministratur tal-insolvenza jkun responsabbli biex jidħol minflok il-parti insolventi fl-azzjonijiet kollha, anki mingħajr il-kunsens tal-kontroparti (l-Artikolu 85(3) tas-CIRE).

## 9 Liema huma l-karatteristiċi ewlenin tal-parteciċipazzjoni tal-kredituri fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-kredituri tal-insolvenza jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċedimenti u jridu jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom fi żmien 30 jum, it-terminu stabbilit fis-sentenza (l-Artikoli 36(1)(j) u 128(1) tas-CIRE).

Kwalunkwe detentur ta' pretensjoni kontra l-parti insolventi jew ta' talbiet garantiti minn assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza u li l-istabbiliment tagħhom jippreċedi d-dikjarazzjoni jitqies bħala kreditur tal-insolvenza.

Mid-data tad-dikjarazzjoni tal-insolvenza 'l quddiem, il-ħlasijiet kollha jridu jsiru lill-kredituri fil-kuntest tal-proċedimenti tal-insolvenza, li jiżgura li l-ebda azzjoni ta' eżekuzzjoni ma tista' tinbeda u tiġi segwita kontra l-patrimonju tal-insolvenza.

Il-kredituri huma għalhekk intitolati li jieħdu sehem fil-laqqgħa tal-kredituri f'konformità mal-Artikolu 72(1) tas-CIRE.

It-talbiet jagħtu vot wieħed għal kull euro jew frazzjoni tiegħu jekk dawn it-talbiet ikunu diġà ġew rikonoxxuti permezz ta' deċiżjoni finali mogħtija fl-anness li tivverifika u tikklassifika t-talbiet, jew f'miżura ta' verifika iktar tard, jew meta ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 73(1)(a) u (b) tas-CIRE jiġu ssodisfati mill-kreditur.

## 10 B'liema mod jista' l-prattikant tal-insolvenza juża jew jiddisponi minn assi tal-patrimonju?

L-amministratur tal-insolvenza jista' juża jew jiddisponi minn assi mill-patrimonju insolventi skont l-Artikoli 149, 150, 157 u 158 tas-CIRE.

Il-bejgħ tal-assi tal-patrimonju tal-insolvenza huwa tranżazzjoni essenzjali għas-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet. Din hija r-responsabbiltà tal-amministratur tal-insolvenza, li għandu l-libertà tal-għażla f'dan ir-rigward.

Wara li s-sentenza dwar l-insolvenza tkun saret finali u l-laqqgħa tal-kredituri tkun saret biex jiġi eżaminat ir-rapport mill-amministratur tal-insolvenza, dan tal-aħħar ibigħ l-assi kollha maqbuda għall-patrimonju tal-insolvenza, dment li l-kredituri ma jkunux oġġezzjonaw għal tali bejgħ fil-laqqgħa msemmija hawn fuq (l-Artikolu 158(1) tas-CIRE).

Il-kredituri b'titolu *in rem* fuq l-assi li għandhom jinbiegħu għandu jkollhom l-opinjoni tagħhom dwar it-tip ta' bejgħ u għandhom ikunu infurmati dwar il-valur bażi stabbilit u l-prezz tad-disponiment propost; suġġett għal ċerti rekwiżiti, huma jistgħu jipproponu li huma stess, jew parti terza, jakkwistaw l-assi (l-Artikolu 164(2) u (3) tas-CIRE).

Ir-rikavati mid-disponiment tal-assi, esklużi s-somom essenzjali għall-ispejjeż ta' kuljum, iridu jiġihallu f'kont kurrenti tal-ġestjoni tal-patrimonju tal-insolvenza, ma' istituzzjoni ta' kreditu magħżula mill-amministratur (l-Artikoli 150(6) u 167(1) tas-CIRE).

## 11 Liema talbiet għandhom jiġu ppreżentati kontra l-patrimonju tal-insolvenza tad-debitur u kif għandhom jiġu ttrattati t-talbiet li jsiru wara l-ftuħ tal-proċedimenti ta' insolvenza?

1. Hemm tliet tipi ta' pretensjoni ta' insolvenza:

i) garantita u privileġġata;

ii) ta' gradazzjoni aktar baxxa u

iii) pretensjonijiet komuni.

Il-pretensjonijiet garantiti huma dawk li jgawdu minn kollateral, inklużi drittijiet preferenzjali, u li jinkorporaw kapital u imgħax sal-valur tal-assi garantiti (l-Artikolu 47(1) tas-CIRE). Madankollu, hemm ċerti garanziji li jitneħħew permezz ta' dikjarazzjoni ta' insolvenza. Id-detenturi ta' garanziji bħal dawn jitolu l-istatus tagħhom ta' kredituri garantiti (l-Artikolu 97 tas-CIRE).

Il-pretensjonijiet privileġġati huma dawk li għandhom drittijiet preferenzjali ġenerali fuq assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju tal-insolvenza, li jistgħu jkunu proprjetà mobbli u immobbli (l-Artikolu 47(4)(a) tas-CIRE).

Il-pretensjonijiet ta' gradazzjoni aktar baxxa huma dawk elenkati fl-Artikolu 48 tas-CIRE, "ħlief meta jkollhom drittijiet preferenzjali ġenerali jew speċjali, jew ipoteki legali, li ma jiskadux wara d-dikjarazzjoni tal-insolvenza" (l-Artikolu 47(4)(b) tas-CIRE).

Il-pretensjonijiet l-oħra kollha jissejġu pretensjonijiet komuni (l-Artikolu 47(4)(c) tas-CIRE).

## 12 Liema huma r-regoli li jirregolaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet?

Il-kredituri tal-insolvenza, inkluż l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, iridu — fit-terminu stabbilit fis-sentenza tal-insolvenza — jippreżentaw rikors biex it-talbiet tagħhom jiġu vverifikati. Tali rikorsi għandhom ikunu akkumpanjati minn kwalunkwe dokument ta' sostenn li jista' jkollhom (l-Artikolu 128(1) tas-CIRE).

Ir-regoli li japplikaw għall-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet huma stabbiliti fl-Artikoli minn 128 sa 140 tas-CIRE.

## 13 Liema huma r-regoli li jirregolaw it-tqassim tal-assi wara tmiem il-proċedimenti? Kif jiġu kklassifikati t-talbiet u d-drittijiet tal-kredituri?

Ir-regoli applikabbli għall-ħlas tal-kredituri jipprevedu differenzi fit-trattament skont jekk it-talbiet ikunux garantiti, privileġġati, komuni jew ta' gradazzjoni iktar baxxa skont l-Artikoli 172 sa 184 tas-CIRE.

F'dawn id-dispożizzjonijiet huma previsti wkoll: il-possibbiltà li l-ħlas ta' dejn ta' parti terza jkun suġġett għal surroga; u arranġamenti applikabbli meta jkun hemm responsabbiltà konġunta tad-debituri.

## 14 Liema huma l-kundizzjonijiet għal, u l-effetti tal-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza (b'mod partikolari b'miżura komposta)?

Il-proċedimenti ta' insolvenza jistgħu jingħalqu:

- wara t-tqassim finali;
- wara s-sentenza li tapprova l-pjan ta' insolvenza;
- fuq talba tad-debitur (dment li dan tal-aħħar ma jkunx għadu fi stat ta' insolvenza) – l-Artikolu 231 tas-CIRE;
- meta l-amministratur tal-insolvenza jikkonkludi li l-patrimonju tal-insolvenza ma jkunx biżżejjed biex jiġu ssodisfati d-djun – l-Artikolu 232 tas-CIRE.

Ladarba l-proċedimenti ta' insolvenza jingħalqu, l-effetti kollha tad-dikjarazzjoni ta' insolvenza jieqfu, u d-debitur jerġa' jikseb id-dritt li jiddisponi mill-assi tiegħu, li jista' jbigħhom jew iċedihom. Imbagħad ikun liberu li jiġġestixxi n-negozju u l-assi tiegħu (l-Artikolu 233(1) tas-CIRE).

Aktar importanti minn hekk, il-kredituri tal-insolvenza ma jibqgħux jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq l-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom kontra d-debitur, ħlief dawk stabbiliti fil-pjanijiet ta' insolvenza jew ta' ħlas.

Il-kundizzjonijiet u l-effetti tal-għeluq tal-proċedimenti tal-insolvenza huma stabbiliti fl-Artikoli minn 231 sa 234 tas-CIRE.

## 15 X'inhuma d-drittijiet tal-kredituri wara l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza?

Fil-prinċipju, wara l-għeluq tal-proċedimenti, il-kredituri tal-insolvenza jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kontra d-debitur mingħajr ebda restrizzjonijiet oħrajn ħlief dawk stipulati fil-possibbiltajiet ta' pjanijiet ta' insolvenza u ta' ħlas u fl-Artikolu 242(1) tas-CIRE.

Biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-istrument eżegwibbli jkun is-sentenza li tapprova l-pjan ta' ħlas u s-sentenza li tivverifika t-talba jew, jekk applikabbli, id-deċiżjoni mogħtija f'azzjoni ta' verifika iktar tard, flimkien mas-sentenza li tapprova l-pjan tal-insolvenza.

L-Artikolu 242(1) tas-CIRE jiddikjara li, fil-każ ta' eżonerazzjoni tal-obbligazzjonijiet ta' persuna fiżika, l-ebda infurzar ma jkun permess fuq l-assi tad-debitur li huma maħsubin biex jissodisfaw it-talbiet tal-insolvenza matul il-perjodu ta' assenjazzjoni.

## 16 Min għandu jagħmel tajjeb għall-kostijiet u l-ispejjeż involuti fil-proċedimenti ta' insolvenza?

Il-kostijiet u l-ispejjeż tal-proċedimenti tal-insolvenza huma meqjusa bħala djun tal-patrimonju insolventi (l-Artikolu 51 tas-CIRE).

Qabel ma jħallas kwalunkwe pretensjoni ta' insolvenza, l-amministratur tal-insolvenza jnaqqas kwalunkwe assi jew intitolament meħtieġ biex iħallas il-kostijiet u l-ispejjeż tal-proċedimenti, inklużi dawk mistennija li jinqalgħu qabel l-għeluq tal-proċedimenti.

Il-ħlas tal-kostijiet u l-ispejjeż tal-proċedimenti huwa assenjat skont l-Artikolu 172 tas-CIRE.

Fil-każ ta' eżonerazzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-persuna fiżika, il-fiduċjarju juża s-somom irċevuti fit-tmiem ta' kull sena matul il-perjodu tal-assenjazzjoni, l-ewwel biex iħallas il-kostijiet u l-ispejjeż tal-proċedimenti, f'konformità mal-Artikolu 241 tas-CIRE.

## 17 X'inhuma r-regoli li għandhom x'jaqsmu man-nullità, l-annullabbiltà u n-nuqqas ta' eżekutorjetà ta' atti ġuridiċi detrimental għall-korp ġenerali ta' kredituri?

L-Artikoli 120 sa 127 tas-CIRE jipprevedu l-possibbiltà li jiġu riżolti atti detrimental għall-interessi kollettivi tal-kredituri (atti li jnaqqsu, ifixklu, jimpedixxu, ipoġġu f'riskju jew idewmu s-sodisfazzjon tal-kredituri tal-insolvenza), dment li ċ-ċirkostanzi stabbiliti fihom ikunu ġew issodisfati.

### *Leġiżlazzjoni applikabbli*

*[Il-Kodiċi tal-Insolvenza u l-Irkupru tan-Negozju \(CIRE\)](#)*

*[Ir-Regolament \(UE\) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza](#)*

*[Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili \(Código de Processo Civil\)](#)*

*Twissija: Il-kontenut ta' dan il-fajl ta' informazzjoni ma jorbotx lill-punt ta' kuntatt jew lill-qradi u ma jipprekludix konsultazzjoni tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ jew ta' kwalunkwe emendi tagħha. Id-dispożizzjonijiet legali tas-CIRE msemmija hawn fuq iqisu l-verżjoni tad-Digriet Amministrattiv Nru 53/2004 tat-18 ta' Marzu 2004, sa u inkluża r-reviżjoni li saret mid-Digriet Amministrattiv Nru 57/2022 tal-25 ta' Awwissu 2022.*

---

L-aħħar aġġornament: 30/06/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.